MALTA

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**
**DR. CHARMAINE GALEA**

**Seduta tal-25 ta’ Awwissu 2015**

**Kumpilazzjoni numru. 704/15**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Spiridione Zammit)**

**vs**

**Patrick Pullicino**
**(ID: 188694M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **Patrick Pullicino** talli:

1. F’xi hinijiet fil-lejl ta’ bejn it-23 ta’ Awissu 2015 u l-24 ta’ Awisssu 2015 fi Triq Haz-Zabbar Fgura u/ jew f’dawn il-gzejjer, mill-pompa tal-petrol ‘Francis Service Station’ ikkommetta serq ta’ 950.40 ewro u/jew oggetti ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur, lok, u bil-hin ghad-detriment ta’ Francis Galea mill-Fgura u/jew entitajiet/persuni ohra.

2. Ukoll talli fl-istess cirkostanzi xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat sew jekk dan

sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement kull mod li jkun indahal sabiex ibieghhom jew imexxiehom.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti;

Rat illi waqt l-udjenza tal-lum l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, liema ammissjoni giet rikonfermata wara lil-Qorti taghtu zmien jerga' jahsibha;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-atti processwali l-ohra kollha;

Semghet lill-Prosekuzzjoni tiddikjara illi t-tieni imputazzjoni giet moghtija bhala alternattiva ghall-ewwel wahda;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat ammetta ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, u ghalhekk dawn huma sodisfacentement ppruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat, l-fedina penali tieghu li hija wahda kwazi netta, il-koperazzjoni tal-imputat mal-Pulizija, l-ammissjoni fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri u wkoll il-fatt li l-imputat irritorna l-flus li seraq lil sidhom.

Illi ghalhekk, tenut kont ta' dawn ic-cirkostanzi, il-Qorti thoss li ghandha timponi fuq l-imputat sanzjoni komunitarja fil-forma ta' ordni ta' *probation* sabiex l-imputat, li ghandu impjieg, jibqa' ghaddej fil-hajja lavorattiva tieghu pero` bi gwida sabiex joqghod 'il boghod mill-hajja kriminali.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 261 (b) (c) (e) u (f), 263, 264, 270, 279 (a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat **Patrick Pullicino** hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta **tpoggi lill-imputat taht ordni ta'** ***probation*** **ghal perjodu ta' tliet (3) snin mil-lum** bil-kundizzjonijiet elenkati fl-ordni moghtija kontestwalment, liema ordni tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Il-Qorti, ai termini tal-artikolu 7(7) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien tliet (3) snin u /jew jekk ma joqghodx ghall-ordnijiet lilu moghtija.

Il-Qorti tordna li kopja tal-Ordni ta' Probation tigi moghtija minnufih lill-imputat u kopja ohra ghandha tigi notifikata minnufih lid-Direttur tas-Servizzi tal-*Probation* u *Parole* sabiex ikun jista' jassenja ufficjal tal-*probation* li jkun responsabbli ghas-sorveljanza tal-imputat.

**Dr. Charmaine Galea**
**Magistrat**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**